

Brussell, 18 ta' Frar 2021
(OR. en)

5474/21

CO EUR-PREP 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (25 u 26 ta' Marzu 2021) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preżidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. COVID-19

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa s-sitwazzjoni epidemjoloġika u tat-tilqim u jsegwi l-isforz ta' koordinazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19.

II. SUQ UNIKU, POLITIKA INDUSTRIJALI, DIĠITALI U L-EKONOMIJA

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti l-prijoritajiet ewlenin fil-qasam tas-Suq Uniku, il-politika industrijali u diġitali. F'dan il-kuntest, ser iqis il-Kumpass Diġitali, inkluż il-miri diġitali tal-2030, u jeżamina l-ħidma fuq it-tassazzjoni diġitali.

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza wkoll il-prijoritajiet għas-Semestru Ewropew 2021 u ser jiġi mistieden japprova r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

III. IL-LVANT TAL-MEDITERRAN

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa s-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran. Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni huma mistennija jressqu rapport dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija qabel il-laqgħa.

IV. IR-RUSSJA

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti r-relazzjonijiet mar-Russja.

pm: poss. klima
